StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – It-Taħdita |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għal mistoqsijiet oħra u diskussjoni. Għalhekk, l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess għan.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif li jingħata; 2 marki għall-għarfien; 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti tal-istudent/a)**

IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI
- Xi tfisser il-kelma 'folklor' għalik?
- Ikkummenta fuq drawwiet folkloristiċi li llum inqatgħu/li għadhom magħna sal-lum.
- Semmi aspett folkloristiku li lilek jolqtok l-aktar.
- F'liema żmien tagħżel li tgħix, fl-imgħoddi jew illum il-ġurnata? Għaliex?
- Qabbel id-drawwiet marbuta mal-imgħoddi u llum ta' waħda minn dawn: mewt, twelid, tieġ.

IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA
- X'tifhem bil-kliem "Kultura Maltija"? X'jifforma parti mill-kultura Maltija ta' żmienna?
- Letteratura, Mużika, Żfin, Sports, Divertiment ... tkellem fuq tnejn minn dawn f'Malta ta' żmienna.
- Xi jkun, jew kif ikun, bniedem "kolt" għalik? Għaliex?
- Qabbel żmien l-imgħoddi ma' tal-lum fejn jidħlu tnejn minn dawn: xogħol, djar, ilbies, passatempi, safar, logħob tat-tfal (u kbar), għajxien ...
- Tkellem fuq personalità Maltija li għamlet isem għaliha.
- Arti, pittura, skultura. X'jogħġbok l-aktar? Semmi xi artisti Maltin.

LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA
- Tkellem fuq l-elementi ewlenin li sawru l-Ilsien Malti + mis-silta (jew le) agħti kelma ta' nisel Semitiku, Rumanz u Anglo-Sassonu.
- Huwa ta' vantaġġ illum li tkun taf aktar minn lingwa waħda? Jew il-Malti biss biżżejjed? / Il-lingwi għandhom ikollhom importanza f'ħajjitna? Il-Malti fejn jidħol?
- Is-sbuħija tal-Ilsien Malti.
- Il-mezzi ta' komunikazzjoni (televixin, radju, gazzetti eċċ) qegħdin jgħinu u jsaħħu l-Ilsien Malti? Jew qegħdin idgħajfuh?
- L-importanza tal-bilingwiżmu
- X'taf tgħid fuq il-Kwistjoni tal-Lingwa li seħħet fis-seklu l-ieħor?
- Taqbel li hawn Malta għandu jkollna żewġ ilsna uffiċjali? Għaliex?
- Mikiel Anton Vassalli – Missier il-Lingwa Maltija

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 1 Ħerba

**Imbagħad, mill-bogħod, narah ġej, il-Kavallier, minn qalb iċ-ċpar.**

**Wasal fil-bieb. Daħal b'ġirja sfrenata għal ħdejn is-sodda u ntasab b'qawwa warajha. Kif daħal bejn is-sodda u l-ħajt ma nafx. Ftit li xejn kien hemm spazju. Is-sodda ħassejtha togħla 'l fuq, u tinżel mill-ġdid b'tisbita. Jien imteddejt minn tuli fuqha għax ma kontx naf x'se naqbad nagħmel, bdejt nisma' ħsejjes ta' ħitan qishom jitfarrku u jaqgħu, żaqżiq ta' njam jitkisser. Mimduda kif kont ħarist 'il fuq u, fuqi, jgħatti s-saqaf kollu, qisu sħaba, nara lill-Kavallier, ikbar xi għaxar darbiet mis-soltu, qisu minfuħ, jitlajja mdendel fl-ajru b'idejh miftuħa qisu biex jaħtafni. Nieżel lejja, nieżel, dejjem nieżel. Kellu ħarsa kerha fuq wiċċu. M'għaraftux mill-Kavallier tas-soltu li tant drajt narah jiġi jżurni f'kamarti. Ħasadni. Bil-qatgħa ħassejt xi ħaġa ġo fija timbuttani 'l barra mis-sodda biex niġri 'l barra mill-kamra b'kemm kelli saħħa.**

**Kif inżilt mis-sodda tfixkilt u ħadtha minn tuli mal-art. Lill-Kavallier narah ġej jiġri minn wara s-sodda, reġa' sar ta' daqs normali f'dak il-waqt, iżda bix-xabla f'idu din id-darba, misluta, leqqiena.**

**(Silta meħuda mir-rumanz *tikk ... tokk ... is-sagħtejn* ta' Edgar Formosa, 2010)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Il-Kavallier kien ħafna differenti mis-soltu ...*
- *Daħal b'qawwa fil-kamra, daħal wara s-sodda, u s-sodda l-protagonista ħassitha togħla 'l fuq.*
- *Il-kamra madwarha bdiet titfarrak ...*
- *Bil-biża' li qabditha, ħarbet tiġri 'l barra.*
- *Il-Kavallier baqa' ġej warajha, din id-darba bix-xabla f'idu ...*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 2 Il-bolol personalizzati

**Bolla personalizzata hija bolla għall-pustaġġ, li fiha persuna tista' tpoġġi ritratt jew stampa fuqha. Din it-tip ta' bolla hija popolari ħafna madwar id-dinja, flimkien ma' timbri personalizzati; iżda hemm distinzjoni kbira bejn it-tnejn. Dawn il-bolol huma popolari ħafna u jintużaw min-nies bħala tifkira ta' okkażjonijiet speċjali, bħal għeluq is-snin, anniversarji, tiġijiet u gradwazzjonijiet. Ħafna kumpaniji jużaw dawn il-bolol bħala tifkira ta' xi anniversarju, bħal għeluq ta' ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha.**

**Il-bolol personalizzati ġew introdotti hawn Malta mill-*Maltapost* fl-2005. Kienu ta' suċċess kbir. U fl-2007 ħarġet is-sett tal-okkażjonijiet. Dan is-sett kellu sitt bolol. Fosthom insibu waħda li kien fiha żewġ *teddy bears* li jistgħu jiġu użati għal għeluq snin jew twelid xi tarbija. Kien hemm oħra b'żewġt iqlub, simbolu tal-imħabba, u oħra bil-bżieżaq, ideali għal xi festin. It-temi ta' dawn il-bolol kollha jvarjaw.**

**(addattament minn kitba ta' Fabio Agius, 2010)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Bolla personalizzata hija gost li biha inti tista' tpoġġi li trid fuqha*
- *Hija popolari ħafna*
- *Tintuża għal ħafna okkażjonijiet, bħal … … …*
- *Jintużaw saħansitra minn kumpaniji biex ifakkru anniversarju*
- *Fl-2007* Maltapost *ħarġet sett ta' sitt bolol ideali għal għadd ta' okkażjonijiet*



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 3 *Snow White* – L-Ewwel film *cartoon*

***Snow White u s-seba' Nani* huwa l-ewwel *cartoon-film* li qatt inħadem għaċ-ċinema, wieħed mill-aktar films importanti fl-Istorja tal-industrija tal-films. Bis-saħħa tiegħu, il-kumpanija ta' Walt Disney saret b'saħħitha. B'dan il-*cartoon,* twil 83 minuta, il-kumpanija ta' Walt Disney irnexxielha toħloq film ta' divertiment għall-familja kollha. Bih, Walt Disney rebaħ l-Oscar.**

**Il-proċess tal-ħdim tal-film kien wieħed twil. L-ewwel kienu jpinġu l-karattri bil-lapes fuq il-karti, u kull tpinġija kienet tkun ftit differenti mill-oħrajn sabiex kien jidher moviment. Imbagħad dawn it-tpinġijiet kienu jitwaħħlu mal-ħajt biex jaraw humiex qed jagħmlu sens. Wara kienu jitpinġew fuq folji apposta tal-plastik u kienu jagħtuhom il-kulur. Biex pinġew is-seba' nani ma kellhomx problema, imma biex pinġew lil Snow White damu jesperimentaw sakemm fl-aħħar ħarġu b'wiċċ ta' tfajla ħelwa u simpatika.**

**In-nies tant għoġobhom u tant daħlu fl-istorja li kien hemm waqtiet tul il-film li fihom infaqgħu jibku, u drabi oħra fejn qabdu jċapċpu bil-ferħ. Walt Disney stess lanqas seta' jemmen kemm dan il-film intgħoġob min-nies.**

**(addattament minn kitba ta' Ruth Frendo, 2010)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Snow White u s-seba' Nani* l-ewwel *cartoon-film* li qatt inħadem
- *Kien film importanti u rnexxielu joħloq divertiment għall-familja kollha*
- *Il-mod kif inħadem il-film kien wieħed twil u diffiċli ... ... ...*
- *Snow White riedu jagħmluha ħelwa u simpatika (għaliex?)*
- *Ir-reazzjoni tan-nies għall-film*



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 4 Ħal Qormi

**Ħal Qormi hu wieħed mill-akbar lokalitajiet f'Malta. Hu mibni għall-kenn bejn Wied is-Sewda u Wied il-Kbir, u mdawwar bl-għoljiet tal-Ħamrun, tas-Samra, ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Santa Venera. Fl-imgħoddi, din il-lokalità kienet magħrufa bħala Casal Fornaro (Ħal Fran). Niesha kienu magħrufa għall-ħobż, qagħaq tal-ħmira u biskuttelli. Tant li fi żmien il-Kavallieri l-Qriema kienu jfornuhom bil-ħobż. L-aqwa ġieħ li ngħata lil din il-lokalità kien meta l-Gran Mastru Pinto de Fonseca għolla lil Ħal Qormi għad-dinjità ta' belt, u saret magħrufa bħala Città Pinto. Maż-żmien Ħal Qormi kompla jikber u llum għandu ħames żoni kollha bl-isem partikolari tagħhom.**

**Il-Qriema għandhom id-delizzju taż-żwiemel, tal-kaċċa u tal-għana. Fost il-Maltin teżisti l-ħlieqa li l-Qriema huma rġiel biss sa nofsinhar. Hemm ħafna teoriji għala jingħad hekk, hemm min jgħid li billi l-Qriema kienu burdnara x-xatt, xogħolhom kien biss sa nofsinhar. Xi wħud imma jaħsbu li fuq il-faċċata tal-knisja ta' San Ġorġ kien hemm arloġġ tax-xemx u, billi dan kien f'angolu, ix-xemx kienet tilħqu biss sa nofsinhar, għalhekk wara nofsinhar l-arloġġ ma kienx jaqra l-ħin!**

**(addattament minn kitba ta' Joseph C Camilleri, 2009)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Ħal Qormi belt kbira ... fejn mibnija ...*
- *Magħrufa fl-imgħoddi bħala Casal Fornaro minħabba li niesha kienu magħrufa għall-ħobż tajjeb li jagħmlu, tant li kienu jagħmluh ukoll lill-Kavallieri.*
- *Ingħatat l-ogħla ġieħ meta l-GM Pinto għollieha f'livell ta' Belt*
- *Il-ħlieqa ta' "irġiel biss sa nofsinhar" ... minn fejn ġejja?*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 5 Il-Moviment Dinji tal-Iskawts

**L-iskawting għandu dik ix-xi ħaġa li tiġbed lejh nies ta' kull età, l-aktar iż-żgħażagħ. Il-membri jiskopru d-dinja lil hinn mid-dar u l-klassi, għax l-iskawting jiżviluppa fihom il-ħtieġa li jesploraw, li jitgħallmu ħiliet ġodda u jsiru jafu aktar. Dan jinkiseb bis-saħħa ta' attivitajiet rikreattivi li fl-istess waqt jgħinu liż-żgħażagħ jiżviluppaw fiżikament, intellettwalment, soċjalment u anke spiritwalment.**

**Il-fundatur ta' dan il-moviment dinji, Robert Baden-Powell, twieled Londra. Missieru miet meta kien għad kellu biss tliet snin u, minkejja li ommu kellha disa' wlied oħra x'tieħu ħsieb, tellgħethom mill-aħjar li setgħet. Robert irnexxielu jidħol fl-armata Ingliża fejn serva f'diversi pajjiżi u ddistingwa ruħu bl-eżempju tajjeb, il-pariri li kien jagħti u s-serjetà fix-xogħol. L-idea li jikteb il-ktieb *Aids to Scouting* inħmiet hawn Malta meta kien assistent segretarju militari ta' zijuh, li kien gvernatur ta' Malta.**

**Fl-1943, l-iskawts ta' Malta ngħataw l-ogħla ġieħ għall-qlubija meta rċevew il-*Bronze Cross* bħala turija tal-kuraġġ, erojiżmu u sens ta' dmir matul l-aħħar gwerra dinjija. Sentejn wara, dan l-unur ingħata wkoll lill-*Girl Guides* ta' Malta. L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Iskawts hija l-eqdem fid-dinja wara dik tar-Renju Unit.**

**(addattament minn kitba ta' Alfred Ellul Galea, 2003)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Il-moviment tal-iskawting huwa importanti għall-iżvilupp tal-karattru ... għaliex?*
- *Jgħin biex il-bniedem jissaħħaħ f'kull aspett tal-ħajja*
- *Robert Baden-Powell ... kif kienet ħajtu, u x'għamel ...*
- *L-Iskawts u l-*Girl Guides *ġew ippremjati għall-kuraġġ u l-ħila li wrew fil-gwerra*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 6 Filgħodu kmieni ...

**Xejn ma kien juri li dakinhar kellu jkun differenti mill-oħrajn. Mix-xquq tat-tieqa mbexxqa kienu jidhru ġmielhom diġà l-imrieżaq tax-xemx qalila ta' Lulju deħlin bla ħoss u bil-ħlewwa kollha. In-natura kellha dejjem l-istess regoli li setgħu jingħarfu, għall-inqas kemm kemm, minn kull min kellu s-sabar josservahom ftit għal aktar minn darba u jintebaħ bir-regolarità tagħhom. Dan kien is-sinjal magħruf li l-irqad issa kellu jieqaf u li d-dmirijiet iebsa tas-soltu kien reġa' wasal waqthom, bħall-bieraħ u bħall-għada. Il-ħsejjes tal-għodwa bdew joktru bil-ħeffa minn waqt għal ieħor. Bdew idoqqu l-ftit ħornijiet tal-karozzi fit-toroq, uħud minnhom bċejjeċ xierqa għal mużew tal-Istorja tal-inġenji, iżda li issa, fi tmiem il-ħamsinijiet, kienu għadhom jaħkmu l-ispazji u jimpressjonaw lil kull min qatt ma ra xejn ħliefhom.**

**Issa beda wkoll l-għajjat kantat tal-bejjiegħa tat-triq. Wasal raġel bil-karrettun misjuq minnu stess, imgħobbi ħaxix u frott frisk. Riesaq ukoll bejjiegħ tal-ħobż, ifuħ, moħmi ftit sigħat qabel, tentazzjoni għal kulħadd biex jixtri mingħandu għall-kolazzjon ta' fuq ix-xogħol jew tat-tfal tal-iskola.**

**(Silta meħuda mir-rumanz *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ*, ta' Oliver Friggieri, 1998)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Qegħdin fis-snin ħamsinijiet ... sebħet l-għodwa ... kollox bħall-jum ta' qabel ... l-imrieżaq tax-xemx ...*
- *L-għodwa tfisser il-waqfien tal-irqad u bidu għal jum ta' xogħol iebes*
- *Il-ħsejjes li jinstemgħu, dejjem jiżdiedu ... ħornijiet, l-għajjat tal-bejjiegħa ... min huma?*
- *Jidhru karozzi antiki*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *__fi kliemek__*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'__Malti mitkellem tajjeb__)**

## 1 Ħerba

**Imbagħad, mill-bogħod, narah ġej, il-Kavallier, minn qalb iċ-ċpar.**

**Wasal fil-bieb. Daħal b'ġirja sfrenata għal ħdejn is-sodda u ntasab b'qawwa warajha. Kif daħal bejn is-sodda u l-ħajt ma nafx. Ftit li xejn kien hemm spazju. Is-sodda ħassejtha togħla 'l fuq, u tinżel mill-ġdid b'tisbita. Jien imteddejt minn tuli fuqha għax ma kontx naf x'se naqbad nagħmel, bdejt nisma' ħsejjes ta' ħitan qishom jitfarrku u jaqgħu, żaqżiq ta' njam jitkisser. Mimduda kif kont ħarist 'il fuq u, fuqi, jgħatti s-saqaf kollu, qisu sħaba, nara lill-Kavallier, ikbar xi għaxar darbiet mis-soltu, qisu minfuħ, jitlajja mdendel fl-ajru b'idejh miftuħa qisu biex jaħtafni. Nieżel lejja, nieżel, dejjem nieżel. Kellu ħarsa kerha fuq wiċċu. M'għaraftux mill-Kavallier tas-soltu li tant drajt narah jiġi jżurni f'kamarti. Ħasadni. Bil-qatgħa ħassejt xi ħaġa ġo fija timbuttani 'l barra mis-sodda biex niġri 'l barra mill-kamra b'kemm kelli saħħa.**

**Kif inżilt mis-sodda tfixkilt u ħadtha minn tuli mal-art. Lill-Kavallier narah ġej jiġri minn wara s-sodda, reġa' sar ta' daqs normali f'dak il-waqt, iżda bix-xabla f'idu din id-darba, misluta, leqqiena.**

**(Silta meħuda mir-rumanz *tikk ... tokk ... is-sagħtejn* ta' Edgar Formosa, 2010)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *<u>fi kliemek</u>*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 2 Il-bolol personalizzati

**Bolla personalizzata hija bolla għall-pustaġġ, li fiha persuna tista' tpoġġi ritratt jew stampa fuqha. Din it-tip ta' bolla hija popolari ħafna madwar id-dinja, flimkien ma' timbri personalizzati; iżda hemm distinzjoni kbira bejn it-tnejn. Dawn il-bolol huma popolari ħafna u jintużaw min-nies bħala tifkira ta' okkażjonijiet speċjali, bħal għeluq is-snin, anniversarji, tiġijiet u gradwazzjonijiet. Ħafna kumpaniji jużaw dawn il-bolol bħala tifkira ta' xi anniversarju, bħal għeluq ta' ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha.**

**Il-bolol personalizzati ġew introdotti hawn Malta mill-*Maltapost* fl-2005. Kienu ta' suċċess kbir. U fl-2007 ħarġet is-sett tal-okkażjonijiet. Dan is-sett kellu sitt bolol. Fosthom insibu waħda li kien fiha żewġ *teddy bears* li jistgħu jiġu użati għal għeluq snin jew twelid xi tarbija. Kien hemm oħra b'żewġt iqlub, simbolu tal-imħabba, u oħra bil-bżieżaq, ideali għal xi festin. It-temi ta' dawn il-bolol kollha jvarjaw.**

**(addattament minn kitba ta' Fabio Agius, 2010)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *fi kliemek*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 3 *Snow White* – L-Ewwel film *cartoon*

***Snow White u s-seba' Nani* huwa l-ewwel *cartoon-film* li qatt inħadem għaċ-ċinema, wieħed mill-aktar films importanti fl-Istorja tal-industrija tal-films. Bis-saħħa tiegħu, il-kumpanija ta' Walt Disney saret b'saħħitha. B'dan il-*cartoon*, twil 83 minuta, il-kumpanija ta' Walt Disney irnexxielha toħloq film ta' divertiment għall-familja kollha. Bih, Walt Disney rebaħ l-Oscar.**

**Il-proċess tal-ħdim tal-film kien wieħed twil. L-ewwel kienu jpinġu l-karattri bil-lapes fuq il-karti, u kull tpinġija kienet tkun ftit differenti mill-oħrajn sabiex kien jidher moviment. Imbagħad dawn it-tpinġijiet kienu jitwaħħlu mal-ħajt biex jaraw humiex qed jagħmlu sens. Wara kienu jitpinġew fuq folji apposta tal-plastik u kienu jagħtuhom il-kulur. Biex pinġew is-seba' nani ma kellhomx problema, imma biex pinġew lil Snow White damu jesperimentaw sakemm fl-aħħar ħarġu b'wiċċ ta' tfajla ħelwa u simpatika.**

**In-nies tant għoġobhom u tant daħlu fl-istorja li kien hemm waqtiet tul il-film li fihom infaqgħu jibku, u drabi oħra fejn qabdu jċapċpu bil-ferħ. Walt Disney stess lanqas seta' jemmen kemm dan il-film intgħoġob min-nies.**

**(addattament minn kitba ta' Ruth Frendo, 2010)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *fi kliemek*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 4 Ħal Qormi

**Ħal Qormi hu wieħed mill-akbar lokalitajiet f'Malta. Hu mibni għall-kenn bejn Wied is-Sewda u Wied il-Kbir, u mdawwar bl-għoljiet tal-Ħamrun, tas-Samra, ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Santa Venera. Fl-imgħoddi, din il-lokalità kienet magħrufa bħala Casal Fornaro (Ħal Fran). Niesha kienu magħrufa għall-ħobż, qagħaq tal-ħmira u biskuttelli. Tant li fi żmien il-Kavallieri l-Qriema kienu jfornuhom bil-ħobż. L-aqwa ġieħ li ngħata lil din il-lokalità kien meta l-Gran Mastru Pinto de Fonseca għolla lil Ħal Qormi għad-dinjità ta' belt, u saret magħrufa bħala Città Pinto. Maż-żmien Ħal Qormi kompla jikber u llum għandu ħames żoni kollha bl-isem partikolari tagħhom.**

**Il-Qriema għandhom id-delizzju taż-żwiemel, tal-kaċċa u tal-għana. Fost il-Maltin teżisti l-ħlieqa li l-Qriema huma rġiel biss sa nofsinhar. Hemm ħafna teoriji għala jingħad hekk, hemm min jgħid li billi l-Qriema kienu burdnara x-xatt, xogħolhom kien biss sa nofsinhar. Xi wħud imma jaħsbu li fuq il-faċċata tal-knisja ta' San Ġorġ kien hemm arloġġ tax-xemx u, billi dan kien f'angolu, ix-xemx kienet tilħqu biss sa nofsinhar, għalhekk wara nofsinhar l-arloġġ ma kienx jaqra l-ħin!**

**(addattament minn kitba ta' Joseph C Camilleri, 2009)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *__fi kliemek__*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'__Malti mitkellem tajjeb__)**

## 5 Il-Moviment Dinji tal-Iskawts

**L-iskawting għandu dik ix-xi ħaġa li tiġbed lejh nies ta' kull età, l-aktar iż-żgħażagħ. Il-membri jiskopru d-dinja lil hinn mid-dar u l-klassi, għax l-iskawting jiżviluppa fihom il-ħtieġa li jesploraw, li jitgħallmu ħiliet ġodda u jsiru jafu aktar. Dan jinkiseb bis-saħħa ta' attivitajiet rikreattivi li fl-istess waqt jgħinu liż-żgħażagħ jiżviluppaw fiżikament, intellettwalment, soċjalment u anke spiritwalment.**

**Il-fundatur ta' dan il-moviment dinji, Robert Baden-Powell, twieled Londra. Missieru miet meta kien għad kellu biss tliet snin u, minkejja li ommu kellha disa' wlied oħra x'tieħu ħsieb, tellgħethom mill-aħjar li setgħet. Robert irnexxielu jidħol fl-armata Ingliża fejn serva f'diversi pajjiżi u ddistingwa ruħu bl-eżempju tajjeb, il-pariri li kien jagħti u s-serjetà fix-xogħol. L-idea li jikteb il-ktieb *Aids to Scouting* inħmiet hawn Malta meta kien assistent segretarju militari ta' zijuh, li kien gvernatur ta' Malta.**

**Fl-1943, l-iskawts ta' Malta ngħataw l-ogħla ġieħ għall-qlubija meta rċevew il-*Bronze Cross* bħala turija tal-kuraġġ, erojiżmu u sens ta' dmir matul l-aħħar gwerra dinjija. Sentejn wara, dan l-unur ingħata wkoll lill-*Girl Guides* ta' Malta. L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Iskawts hija l-eqdem fid-dinja wara dik tar-Renju Unit.**

**(addattament minn kitba ta' Alfred Ellul Galea, 2003)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *fi kliemek*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 6 Filgħodu kmieni ...

**Xejn ma kien juri li dakinhar kellu jkun differenti mill-oħrajn. Mix-xquq tat-tieqa mbexxqa kienu jidhru ġmielhom diġà l-imrieżaq tax-xemx qalila ta' Lulju deħlin bla ħoss u bil-ħlewwa kollha. In-natura kellha dejjem l-istess regoli li setgħu jingħarfu, għall-inqas kemm kemm, minn kull min kellu s-sabar josservahom ftit għal aktar minn darba u jintebaħ bir-regolarità tagħhom. Dan kien is-sinjal magħruf li l-irqad issa kellu jieqaf u li d-dmirijiet iebsa tas-soltu kien reġa' wasal waqthom, bħall-bieraħ u bħall-għada. Il-ħsejjes tal-għodwa bdew joktru bil-ħeffa minn waqt għal ieħor. Bdew idoqqu l-ftit ħornijiet tal-karozzi fit-toroq, uħud minnhom bċejjeċ xierqa għal mużew tal-Istorja tal-inġenji, iżda li issa, fi tmiem il-ħamsinijiet, kienu għadhom jaħkmu l-ispazji u jimpressjonaw lil kull min qatt ma ra xejn ħliefhom.**

**Issa beda wkoll l-għajjat kantat tal-bejjiegħa tat-triq. Wasal raġel bil-karrettun misjuq minnu stess, imgħobbi ħaxix u frott frisk. Riesaq ukoll bejjiegħ tal-ħobż, ifuħ, moħmi ftit sigħat qabel, tentazzjoni għal kulħadd biex jixtri mingħandu għall-kolazzjon ta' fuq ix-xogħol jew tat-tfal tal-iskola.**

**(Silta meħuda mir-rumanz *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* ta' Oliver Friggieri, 1998)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

**IL-ĦAMES KLASSI     IL-MALTI     IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

L-Isem: ______________________     Il-Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 19 | 7 | 4 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**LIL HINN MILL-ATLANTIKU**

*"Ħiiii! ... L-Amerki mmorru! Lejn l-Amerki nitilqulha! Hemm f'radda ta' salib nistagħnew, insiru nies, ngħaqqduhom, nimlew il-borża u ndawru denbna lura għal lil hawn ... u noqogħdu moħħna mistrieħ bil-pipa f'ħalqna fuq it-taraġ ta' dan iz-zuntier, nirrakkuntaw ..." (par. 1)*

Hekk jiftaħ ir-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, miktub minn Juan Mamo fis-sena 1931. Dak iż-żmien l-Amerka kienet l-art tal-ħolm fejn ħafna ħasbu li stajt issir sinjur malajr u timxi 'l quddiem. Ħafna Maltin li kienu qed jgħixu fil-faqar raw din l-art bħala s-soluzzjoni biex ħajjithom titjieb u raw kif għamlu biex isiefru hemm. *(par. 2)*

L-ewwel Maltin li siefru l-Amerka kienu fqar u bla skola. Xi wħud daħlu illegalment. Marru Port Said u stennew sakemm xi vapur kien se jaqsam l-Atlantiku u staħbew fuqu u meta waslu qabżu l-baħar u daħlu New York. Oħrajn marru l-ewwel il-Kanada u minn hemm qasmu l-fruntiera biex jaslu Detroit, fejn il-kumpanija tal-karozzi *Ford* kellha bżonn ħafna ħaddiema. Bil-mod il-mod infetħet l-emigrazzjoni lejn l-istat ta' California, fejn il-klima kienet simili għal tagħna. *(par. 3)*

Il-Maltin, bla skola u bla sengħa, kellhom jagħmlu dawk ix-xogħlijiet li ma riedhom ħadd. Kienu jaħdmu iebes u jonfqu mill-inqas biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom. *(par. 4)*

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-bibien tal-emigrazzjoni lejn l-Amerka bdew jingħalqu. Biex tmur l-Amerka ried ikollok livell aħjar ta' edukazzjoni u ridt issib xi ħadd lest li jilqgħek u jgħinek issib ix-xogħol. Ħafna minn dawk li marru komplew jistudjaw u jtejbu l-qagħda tagħhom. Ħafna mill-Maltin waslu biex waqqfu għaqdiet bħal *The Sons and Daughters of Malta*, bl-għan li jiġbru ħwejjeġ, kotba u mediċini għall-fqar ta' Malta. *(par. 5)*

(addattament liberu minn kitba ta' Maria Pace, li dehret fil-ħarġa ta' April 2010, għadd 310, tas-*Sagħtar*)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet, imbagħad wara wieġeb ***fi kliemek***.

1. Għalfejn ħafna Maltin fl-imgħoddi kienu jerħulha lejn l-Amerka *(par. 1)*?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

2. Għall-bidu xi wħud mill-Maltin kif daħlu l-Amerka?

______________________________________________

______________________________________________ (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Ma' liema kumpanija ħafna ħaddiema Maltin sabu x-xogħol?

____________________________________________ (m

4. X'tip ta' xogħol ħteġilhom jagħmlu?

____________________________________________ (marka)

5. Kif kienu jagħmlu biex jimxu 'l quddiem fl-Amerka?

____________________________________________

____________________________________________ (marka)

6. Għaliex wara t-Tieni Gwerra Dinjija ma baqax ikun hemm aktar opportunitajiet ta' xogħol fl-Amerka?

____________________________________________

____________________________________________ (2 marki)

7. Ħafna minn dawk li xorta marru l-Amerka x'għamlu?

____________________________________________ (marka)

8. In-Nanna Venut min taħseb li hi? (a) isem in-nanna ta' wieħed mill-karattri fir-rumanz, (b) isem simboliku għal Malta, (ċ) jisimha hekk għax dak iż-żmien bosta nisa kien jisimhom hekk.

(marka)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (19-il marka)

### LESSIKU / VOKABULARJU

1. Fisser skont is-silta. (3 marki)

| | |
|---|---|
| a. *ngħaqqduhom (par. 1)* | a. |
| b. *art tal-ħolm (par. 2)* | b. |
| ċ. *illegalment (par. 3)* | ċ. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Agħti kelma oħra/kliem ieħor bl-istess tifsira: (

| | |
|---|---|
| a. *soluzzjoni (par. 2)* | a. |
| b. *klima (par. 3)* | b. |
| ċ. *bibien (par. 5)* | ċ. |

**LINGWA U GRAMMATIKA**

3. Sib u ikteb: (4 marki)

a. verb fl-10 forma *(par. 1)*: ______________________

b. parteċipju passiv *(par. 2)*: ______________________

ċ. verb trilitteru dgħajjef nieqes *(par. 2):* ______________________

d. żewġ verbi irregolari *(par. 2)*: ______________________

4. Wieġeb: (4 marki)

| | |
|---|---|
| a. *ndawru (par. 1)* huwa verb (a) fl-1 forma, (b) fis-7 forma jew (ċ) fit-2 forma? | a. |
| b. *sengħa (par. 4.)*<br>Ikteb f'kelma waħda: (i) is-sengħa tiegħi<br>(ii) is-sengħa tagħkom | b. (i)<br><br>(ii) |
| ċ. *jistudjaw (par. 5)* huwa (a) verb semitiku, jew (b) verb barrani? | ċ. |

5. Agħmel sing taħt it-tajba: (4 marki)

(a) ***n****itilqulha (par. 1)* – (i) prefiss tal-Imperfett, (ii) prefiss tal-forma, (iii) infiss
(b) *n****i****tilqulha (par. 1)* – (i) vokali etimoloġika, (ii) vokali tal-leħen, (iii) vokali Taljana
(ċ) *nitilqu****lha*** *(par. 1)* – pronom mehmuż (i) indirett, (ii) dirett, (iii) tat-3 forma

Il-mamma tal-verb *nitilqulha* hija *telaq*.

(d) X'tip ta' verb huwa 'telaq'? (i) verb dgħajjef moħfi
(ii) verb kwadrilitteru sħiħ
(iii) verb ewlieni trilitteru sħiħ



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SINTASSI**

6. Erġa' ikteb it-tielet sentenza ta' paragrafu tnejn mingħajr ma ddaħħal il-konġunzjoni 'u'.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (marka)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Agħżel **waħda** minn a, b u ċ u ikteb madwar **80 kelma** fuq karta separata.

a. Agħti taqsira, ***fi kliemek***, tas-silta *Lil hinn mill-Atlantiku*.

b. Inti tixtieq taħdem xogħol fejjiedi fil-vaganzi tas-sajf. Ikteb ittra, fejn fiha trid tgħid għal liema xogħol qiegħed/qiegħda tapplika u għalfejn taħseb li inti l-kandidat/a ideali biex tintgħażel għalih dak ix-xogħol. Inti jismek Mario/Marija Tusa.

ċ. Daħlet dgħajsa bi tletin immigrant illegali abbord fin-naħat ta' San Tumas. Inti wieħed/waħda mill-ewwel ġurnalisti li kont fuq il-post. Ikteb rapport fuq x'seħħ.

## D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a. Daħħal iż-żewġ idjomi ta' hawn taħt f'sentenza (waħda għal kull idjoma) biex turi ċar it-tifsira tagħhom: (2 marki)

f'kemm tgħid Ave Marija:

______________________________________________________________________

ħa siegħa:

______________________________________________________________________

b. Kompli dan il-qawl u fissru: Agħtini xortija u ______________________________

Tifsira: ______________________________________________________________

(2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. LETTERATURA: *QAWSALLA*

**a. Aqra sewwa din is-silta, meħuda mit-Taqsima *Karattri*, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt.**

( … )

Samwel baqa' jħares quddiemu biex jifhem u ma tkellem xejn.

"Qed tipprova tifhem?" staqsieh l-ieħor. "Int ukoll fiċ-ċpar?"

Samwel dar lejh b'ħasda u qal, "Xi ċpar?"

"Hawn bosta xorta ta' ċpar, ħabib," wieġbu l-Poeta, "jekk jirnexxilna noforqu s-saffi tiegħu nsalvaw."

"Insalvaw?" qal Samwel, għajnejh iħarsu fil-battal ta' quddiemu bħal qabel.

"Dażgur, jekk insibu t-Tarf, inkunu sibna wkoll il-Bidu, u ma jkollna xejn aktar x'iħabbatna," wieġbu l-ieħor b'leħen ta' wieħed ċert minn kulma jgħid.

Jiena l-Bidu, nafu, jew għall-inqas għandi ħjiel tiegħu. It-tmiem, jew it-"Tarf" kif sejjaħlu dal-ġuvnott – dak li ma nistax nagħraf. Mindu għaraft il-Bidu qed nagħmel ħilti biex nagħmel il-Bidu tiegħi, imma għandu jkun għandu raġun, għax it-tmiem – It-Tarf – għadni ma nistax nilmħu jew narah. Għadni mdawwar jien ukoll biċ-ċpar?

"X'jiġifieri, 'insalvaw'?" staqsa Samwel ħerqan.

"Insalvaw – jiġifieri …ma nafx inwieġbek sew, għax kulħadd isalva bil-mod tiegħu," wieġeb il-Poeta, "is-salvazzjoni tiegħi hi diversa minn tiegħek, u tiegħek xort'oħra minn tiegħi."

Samwel ħassu ferħan, mhux tant bit-tweġiba li ħa daqskemm mill-fatt li ħdejh ħass li kellu bniedem tajjeb, qalbu mfawra bil-mogħdrija u bl-għarfien tal-ħajja u min-nixxiegħa tagħha kien qed igawdi hu wkoll, jitbaħbaħ fl-ilma sħun tagħha.

( … )

(silta minn *Laqgħa ma' Poeta* ta' Frans Sammut)

1. X'jismu l-ieħor, il-'Poeta', li qiegħed jitkellem ma' Samwel?

_______________________________________________ (marka)

2. U kif jiddeskrivih Samwel fil-bidu tas-silta li nsibu fl-antoloġija *Qawsalla*?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Fil-bidu hemm miktub *Samwel baqa' jħares quddiemu biex jifhem u ma tkellem xejn.* X'jifhem?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers
StudentBounty.com

4. Għalfejn Samwel ħassu ferħan ħdejh dan il-bniedem?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

5. Fisser il-kliem li ġej (b'sing taħtu fis-silta) skont kif użat fis-silta:

| | |
|---|---|
| a. *ċpar* | a. |
| b. *Tarf* | b. |
| ċ. *mfawra* | ċ. |

(3 marki)

6. X'parir jagħtih Samwel lill-Poeta eżatt wara din is-silta?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

7. X'fehma ħadt ta' Samwel minn din is-silta?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

8. Għaliex taħseb li *Laqgħa ma' Poeta*, li tagħha din is-silta hija parti, għandha tagħmel sehem mit-taqsima *Karattri*?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**b. Il-Komponiment Letterarju.**

Wieġeb mistoqsija ***waħda*** minn dawn it-tnejn. Ikteb madwar **200 kelma** fuq karta separata.
(16-il marka)

i. Il-ħajja taf tagħtina ħafna waqtiet ta' biki, imma qatt ma għandna naqtgħu qalbna, għax minn qalb dak il-biki tista' tfiġġ tbissima. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ siltiet ta' proża u/jew poeżiji mit-taqsima *Tifkiriet*.

ii. Aħna bħala poplu għandna nkunu tassew kburin bl-Istorja ta' pajjiżna u bis-sagrifiċċji li għamlu missirijietna. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ siltiet ta' proża u/jew poeżiji mit-taqsima *Ġrajja u Identità*.

## F. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **350 kelma** fuq karta separata.

1. Il-qari fih is-sabiħ minn tiegħu
2. Ġanni s-sakranazz
3. Il-kliem żejjed fil-ħajja
4. Ħajti moħlija
5. Fuq il-Fosos tal-Furjana



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers